



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2013/2186(INI)

24.1.2014

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Petizzjonijiet

dwar ir-Rapport 2013 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE – Iċ-ċittadini tal-UE: id-drittijiet tiegħek, il-futur tiegħek
(2013/2186(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Morten Løkkegaard

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni maħsuba biex itejbu s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom permezz tal-Europe Direct u l-Ewropa Tiegħek; jinnota, fl-istess waqt, li għad baqa' iżjed xi jsir biex iċ-ċittadini jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom, partikolarment permezz ta' pjattaformi ta' midja soċjali; jenfasizza l-kontribut importanti li l-Istati Membri u l-politikanti nazzjonali jistgħu jagħtu b'rabta mas-sensibilizzazzjoni;
2. Jenfasizza li r-reġjuni transkonfinali huma l-postijiet fejn il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-integrazzjoni Ewropea jidhru bl-iktar mod ċar;
3. Jenfasizza l-bżonn li titrawwem il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-UE u biex jiġu faċilitati u appoġġati bosta espressjonijiet taċ-ċittadinanza attiva u l-isforzi biex din tiġi mobilizzata;
4. Iħeġġeġ bis-sħiħ lill-Istati Membri jagħtu spinta lill-isforzi tagħhom biex ixerrdu l-għarfien dwar in-netwerk SOLVIT fost iċ-ċittadini u l-kumpaniji;
5. Ifakkar li d-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2013; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, f'dan ir-rigward, timmonitorja l-implimentazzjoni xierqa ta' dik id-direttiva u tiżgura li l-pazjenti jiġu informati b'mod komprensiv dwar id-drittijiet ġodda tagħhom fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali;
6. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tindirizza l-problemi li l-gradwati jħabbtu wiċċhom magħhom meta japplikaw għal apprendistati jew impjegi fi Stat Membru ieħor, billi tiżviluppa qafas ta' kwalità li jħares id-drittijiet tal-apprendisti u biex dawn jiġu garantiti salarju ġust; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora wkoll mezzi ġodda sabiex ittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-apprendistati u l-opportunitajiet ta' xogħol fi Stati Membri oħrajn, partikolarment permezz tan-netwerk EURES;
7. Iħoss li l-limitazzjonijiet u n-nuqqasijiet tad-Direttiva 96/71/KE dwar il-ħaddiema kollokati qed iwasslu għal bosta abbużi li joħolqu dannu lill-impjegati koperti minn din id-direttiva, u li n-nuqqas ta' informazzjoni ċara, verifiki u kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet mhux qed tippermetti li l-ħaddiema kollokati jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bis-sħiħ; jitlob lill-Kunsill jiżblokka r-riforma ta' din id-direttiva li għaddejja bħalissa sabiex ittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema kollokati u jiġu miġġielda l-abbużi u d-dumping soċjali;
8. Jenfasizza l-importanza li jiġu appoġġati n-netwerks pan-Ewropej komposti minn midja lokali u nazzjonali fl-oqsma tar-radju, it-televiżjoni u l-internet; isibha inkwetanti ħafna, għalhekk, li l-Kummissjoni, għall-għarrieda u mingħajr ma kkonsultat mal-Parlament, iddeċidiet li tikkanċella sejħa għal proposti dwar netwerks pan-Ewropej fil-qasam tal-

internet;

9. Jenfasizza l-bżonn li jinħoloq qafas strutturat għad-djalogu ċivili Ewropew li jagħti sustanza Prattika lil ċittadinanza parteċipattiva u jżid il-kooperazzjoni anke mal-awtoritajiet lokali, nazzjonali u Ewropej u ma' partijiet interessati oħra;
10. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li mill-2013, permezz tal-iskema ta' ġemellaġġ tal-ibliet, tappoġġa l-iskambji tal-aħjar Prattiki bejn il-muniċipalitajiet u l-proġetti maħsuba biex itejbu l-għarfien dwar id-drittijiet taċ-ċittadini, iżda jqis deplorevoli ferm li fl-ambitu tal-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss il-pakkett finanzjarju għall-programm Ewropa għaċ-Ċittadini, li permezz tiegħu jiġu ffinanzjati dawn il-proġetti, tnaqqas drastikament;
11. Jenfasizza l-importanza ta' soċjetà ċivili organizzata biex tappoġġa ċittadinanza Ewropea attiva, pereżempju billi tinvolvi lill-membri tagħha f'dibattiti dwar il-kwistjonijiet tal-UE li jolqtuom b'mod dirett jew permezz ta' attivitajiet ta' karità jew volontarjat 'il barra mill-pajjiż; iqis, għalhekk, li huwa kruċjali li jiġi ffaċilitat aktar ix-xogħol transkonfinali ta' dawn l-organizzazzjonijiet biex jonqsu l-piżijiet burokratiċi u billi jkunu pprovduti finanzjament adegwat;
12. Iqajjem l-ikbar tħassib taċ-ċittadini fil-livell Ewropew fir-rigward tad-dħul minimu, il-kura soċjali, it-trasparenza politika u ekonomika, l-involviment f'ħajja kulturali kif ukoll il-bżonn tal-ġlieda kontra l-inugwaljanzi fl-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru; jenfasizza li ċ-ċittadini kollha għandhom ikunu involuti fil-ħajja tal-komunità tagħhom, inklużi l-iktar gruppi żvantaġġati tas-soċjetà;
13. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu iktar spazju lill-edukazzjoni politika dwar l-affarijiet tal-UE fil-kurrikuli skolastiċi tagħhom; iqis li l-għalliema għandhom rwol essenzjali biex iġibu l-affarijiet tal-UE fl-iskejjel u jħeġġeġ għalhekk lill-Istati Membri biex jipprovduhom bl-għarfien u r-riżorsi li jeħtieġu biex ikunu jistgħu jwettqu dan ir-rwol;
14. Jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li tittejjeb is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-UE dwar id-drittijiet tagħhom fil-qasam taċ-ċittadinanza tal-UE, u b'mod partikolari dwar id-drittijiet elettorali tagħhom, u b'mod speċifiku biex tinforma liċ-ċittadini li jibqgħu intitolati li jivvotaw f'elezzjonijiet muniċipali u Ewropej anke jekk jgħixu barra minn pajjiżhom, iżda jħeġġeġ lill-Kummissjoni ma tistenniex sa Mejju 2014 biex tvara l-manwal tagħha li jippreżenta dawk id-drittijiet tal-UE "b'lingwaġġ ċar u sempliċi".
15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li d-dritt ta' kull ċittadin tal-UE li jindirizza lill-Istituzzjonijiet tal-UE bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE jiġi rispettata bis-sħiħ u applikat b'tali mod illi l-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni jkunu disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE sabiex jiġi żgurati li l-konsultazzjonijiet kollha jiġu ttrattati b'mod ekwu u li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni abbażi tal-lingwa;
16. Jiġbed l-attenzjoni għall-attivitajiet tal-Parlament fuq pjattaformi ta' midja soċjali bħala mezz eċċellenti biex jinħolqu interazzjoni u djalogu maċ-ċittadini.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	21.1.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Zoltán Bagó, Malika Benarab-Attou, Piotr Borys, Jean-Marie Cavada, Silvia Costa, Lorenzo Fontana, Mary Honeyball, Cătălin Sorin Ivan, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Emilio Menéndez del Valle, Martina Michels, Marek Henryk Migalski, Katarína Neveďalová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Monika Panayotova, Marietje Schaake, Marco Scurria, László Tőkés, Helga Trüpel, Gianni Vattimo, Marie-Christine Vergiat, Sabine Verheyen
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Belet, Nadja Hirsch, Seán Kelly, Georgios Papanikolaou, Joanna Katarzyna Skrzydlewska